**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Settembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Jonathan Zammit**

**Kump. Nru. 636/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Jonathan Zammit** iben Michael Angelo u Josephine nee' Fenech imwieled fid-9/10/1989, u joqghod 42, Triq Karmenu Ciantar, Mqabba **detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 491389(M)**, gie akkuzat talli fit-23/01/2010 ghall-habta tas-13:00hrs, fil-limiti ta' Hal Far, Zurrieq :

1. Soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF 325 u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjart lil Ali Jeer Ibrahim (Police no. 08GG20) u nvolontarjament ikkagunajtlu offizi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Thomas Armatys M.D.

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li int tigi swalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali li jinsab *a folio* 77 u l-kunsens ta` l-imputat li jinsab *a folio* 78;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succint, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Dahlet informazzjoni ghand il-pulizija illi fid-data tat-23 ta` Jannar 2010, f’xi hin wara nofs inhar kien wegga gravi certu Ali Jeer Ibrahim billi dan intlaqat f’saqajh minn vettura JAF 325. Il-pulizija investigat u kellmet is-sewwieq tal-vettura li kien l-imputat Jonathan Zammit. Kellmet ukoll lill-passiggier li kien fl-istess vettura, certu Christian Attard. Il-pulizija kellmet ukoll lill-imsemmi Ali Jeer Ibrahim u numru ta` persuni ohra ta` nazzjonalita` barranija.

Allegatament gara illi l-imputat u l-imsemmi Ali Jeer Ibrahim, wara li l-istess Ali Ibrahim Jeer kien ghamel xi xoghol bl-iscammel ma` l-imputat, ma kienux qed jaqblu kif ser isir il-hlas lil Ali Jeer Ibrahim. Jidher li seta kien hemm nuqqas ta` ftehim minhabba l-lingwa. Waqt li kienu Hal Far u inqalet din il-kwistjoni, Ali Jeer Ibrahim allegatament sejjah lil xi immigranti ohra u waqt li l-imsemmi Ali Jeer Ibrahim kien qed isir nervuz u s-sitwazzjoni kienet qed issir ftit tahraq, l-imputat saq lil hemm. Huwa f’dan il-mument li jidher li Ali Jeer Ibrahim intlaqat f’saqajh u sofra griehi ta` natura gravi.

**Ikkunsidrat**;

Illi x-xhieda principali f’dan il-kaz kienu tlieta. PS1434 Mario Mercieca li jixhed dwar il-verzjonijiet lilu moghtija minn numru ta` persuni fosthom l-imsemmi Ali Jeer

Ibrahim; it-Tabib Thomas Armatys li jikkonferma li ikkonstata griehi ta` natura gravi; u finalment Christian Attard, li kien passiggier fit-trukk ta` li scammel.

Ma kienx kontestat f'dan il-process li l-feriti li garrab Ali Jeer Ibrahim kienu ta` natura gravi. Lanqas ma gie kkontestat li l-imputat kien qed isuq il-vettura/trukk in kwistjoni.

Il-Qorti nnotat ukoll li f'dan il-process kien hemm numru ta` nuqqasijiet. Per ezempju c-certifikat mediku *a folio* 15 ma ghandux dettalji bizzejjed biex jindika li l-vittma kien effettivament Ali Jeer Ibrahim. Addirittura, fl-istess certifikat hemm numru ta` identita` 97385G. Dan in-numru ma jikkorrispondi ma ebda numru li presumibbilment ghandu jidentifika lil Ali Jeer Ibrahim fil-PIRS report, u cioe` 9000738 jew 08GGG20.

Il-Qorti tinnota wkoll illi f'dan il-process, Ali Jeer Ibrahim ma ttellax jixhed u dana peress illi nel frattemp din l-istess persuna giet ripatrijata lejn l-Istati Uniti ta` l-Amerika. Ukoll, hadd mill-persuni barranin (immigranti ohra li kienu originarjament qed jirrisjedu fil-Hangar Open Centre jew fit-Tent Centre ta` Hal Far) ma gie il-Qorti biex jixhed.

Nonostante dawn in-nuqqasijiet kollha, din il-Qorti ppruvat tara jekk mill-atti jirrizultax xi forma ta` sewqan li kellu jgib lill-imputat passabbli skond l-imputazzjoni dedotta.

L-uniku xhud f'dan is-sens huwa Christian Attard, li kien passiggier. Mix-xhieda ta` dan ix-xhud ma jirrizultax sufficjentement ippruvat xi forma ta` sewqan traskurat, jew b'nuqqas ta` hsieb jew b'nuqqas ta` hila jew kontra r-regolamenti tat-traffiku.

Ghall-kuntrarju, mix-xhieda ta` dan ix-xhud jirrizulta li probabbilment l-imputat saq minn fuq il-post minhabba biza li seta jigi aggredit minn numru sostanzjali ta` immigranti ohra li ngabru mat-trukk.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, il-manuvra li seta ghamel l-imputat billi saq 'l hemm, biex probabbilment jahrab mill-gemgha ta` immigrant f'dan il-kaz, ma kienetx tali li ggibu imputabbli skond l-imputazzjoni dedotta u dana stante li, x'aktarx iva milli le, tali manuvra kienet dovuta ghall-biza u l-intenzjoni li jahrab minn sitwazzjoni difficili li kien qed ihoss li kien jinsab fiha f'dak il-mument.

**Konkluzjoni**.

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti ssib u tiddikjara lill-imputat Jonathan Zammit mhux hati ta` l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah skond il-ligi.**